MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2007

Numru. 173/2007

Il-Pulizija
(spettur Sandro Zarb )

vs
Arezki Hadj Arab

Kumpilazzjoni numru 173/2007

Illum 01 ta' Marzu 2007

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli:

1. Matul l-ahhar jiem, f'dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf illi gie falsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, u cioe passaport franciz bin-numru 04TC98250 mahrug f'isem Farouk Lameni

2. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Issibu hati talli:
a) Matul l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf illi gie falsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, u cioe passaport franciz bin-numru 04TC98250 mahrug f'isem Farouk Lameni
b) Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat l-artikoli 5 tal-Kapitolu 61 kif ukoll l-artikolu 189 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat. Semghet il-prosekuzzjoni tik-konferma li l-akkuzat ikkollabora pjenament fl-invesitgazzjoni ta' dan il-kaz, kif ukoll rat il-fedina penali netta tal-akkuzat;

Semghet il-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

Tikkundanna lill-akkuzat, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ghal piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn bil-kundizzjoni li l-akkuzat ma jikkommettix reat iehor suggett ghal prigunerija fl-istess zmien tal-operattiv tas-sentenza.

Permezz tal-interpretu, gew spjetati lill-akkuzat l-efferti ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Genrali fi zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------